MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2004

Numru 714/2004

**Il-Pulizija
(Spettur J. J. Fenech)**

**vs**

**GUZEPPI CALLUS**

**Illum 7 ta' Settembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Guzeppi Callus ta' 44 sena, bin il-mejjet Lawrence u Rosaria nee` Gafa`, imwieled Hal-Ghaxaq fil-5.5.1960 u residenti Blokk B, garage 42, Bini Sta. Lucija, Mtarfa, Id. Card no: 300460m gie akkuzat:

Talli fit-23 ta’ Mejju 2004 f’Birzebbugia ghal habta tal-5.30 p.m., ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ WPC 257 Maria Laetizia Fenech, PC 829 A. Dougall, u PC 626 G. Benetti, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jewminhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksur tal-art. 95 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xort’ ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra pc 829 A. Dougall u Pc 626 G. Bennetti u bi ksur tal-art. 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ PC 829 A. Dougall u Pc 626 G. Bennetti skond kif iccertifika Dr. Robert Portelli Md tac-Centru tas-Sahha Paola bi ksur tal-art 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Ukoll talli kiser il-bon ordni u l-paci pubbliku b’ghajjat glied jew mod iehor, u talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f‘dagha fil-pubbliku bi ksur tal-art 338 (dd) u 338 (b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom bi ksur tal-art 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JJF3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi r-raba’ akkuza, il-hames akkuza u s-sitt akkuza fil-konfront ta’ l-imputat, li huma kollha ta’ natura kontravenzjonali, huma preskritti bi preskrizzjoni trimestrali.

Innutat ukoll li fil-Verbal tal-istess Seduta l-P.L. Victor Bugeja ghall-imputat aderixxa ghal dan.

Inoltre innutat li l-imputat ammetta l-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u t-tielet akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati ta' l-ewwel akkuza, tat-tieni akkuza u tat-tielet akkuza.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li jiskuza ruhu ta' l-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Illi nkwantu ghar-raba' akkuza, il-hames akkuza u s-sitt akkuza fil-konfront ta' l-imputat, liema akkuzi huma kollha ta' natura kontravenzjonali u soggetti ghal preskrizzjoni trimestrali, wara li qieset dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur in rigward fil-Verbal tas-Seduta ta' llum u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u ezaminat l-atti tal-kawza tosserva li dawn l-imsemmija akkuzi huma preskritti bil-preskrizzjoni trimestrali.

Rat l-artikoli 95, 96 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Guzeppi Callus, fuq ammissjoni, hati ta' l-ewwel akkuza, tat-tieni akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li jiskuza ruhu ta' l-akkadut, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Guzeppi Callus ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tliet (3) snin millum l-imputat Guzeppi Callus jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inkwantu ghar-raba' akkuza, il-hames akkuza u s-sitt akkuza tillibera lill-imputat Guzeppi Callus minn dawn l-

akkuzi stante li tali akkuzi huma preskritti bil-preskrizzjoni trimestrali.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputat Guzeppi Callus b’obbligazzjoni personali ta’ mitt Liri Maltin (Lm100) li bl-ebda mod ma jimmolesta lil WPC 257 Maria Laetizia Fenech, PC 829 A. Dougall u PC 626 G. Benetti ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Guzeppi Callus l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------